**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tad-Disa (09) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 6.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | 6.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Membru Peter Abela | 6.30p.m. | 9.00 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.35p.m. | 9.00 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.30p.m. | 9.00 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

Qari tal-Minuti tas-Seba' (07) Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgha 23 ta' Frar, 2011

Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ma saru l-ebda korrezzjonijiet u l-minuti ġew iffirmati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 Dwar Item 2.05 (kwotazzjoni għal-floodlights metal halide) – Inħarġet il-works order sabiex dawn isiru.

2.02 Dwar Item 2.08 (erba' welcome boards f'Burmarrad) –Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li dawn ghandhom isiru wara li tiġi adottata stemma għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Il-Kumitat qabel.

2.03 Dwar Item 2.09 (twessieh ta' bankina u alterazzjonijiet oħra fit-triq prinċipali ta' Burmarrad) - Id-disinn tal-bankina kien lest iżda din il-bankina trid issir min TM. Sadanitant għandha issir linja bajda fejn għandha ssir it-twessieh tal-bankina. Issir applikazjoni lil TM sabiex dan jiġi approvat fuq bażi temporanja.

2.04 Dwar Item 2.11 (Laqgħa mal-Ministeru dwar xogħol minn ħaddiema ta' l-IPSL) – Il-Laqgħa mal-Ministeru saret u nbeda x-xogħol ta'kurduna fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II f-Burmarrad.

2.05 Dwar Item 7.00 (Measure 125 /Leader *Programme*) – Il-Kumitat iddeċieda li jkun aħjar jekk issir applikazjoni għal numru selettiv ta' toroq qosra biss għaliex il-fondi taħt din il-miżura kienu ftit wisq u jridu jinqasmu bejn ħafna Kunsilli u Kumitati Amministrattivi.

2.06 Dwar Item 8.02 (ismijiet ta' toroq) – Ġie deċiż li jiġu ordnati dawn l-ismijiet ta' toroq: ( 1) Triq Ġwanni Pawlu II –żewġ tabelli, waħda taċ-ċeramika mal-ħajt u oħra tal-metall fuq arblu, (2) Triq is-Sardin (din tiġi riferuta lil RB għal struzzjonijiet).

2.07 Dwar Item 8.05 (livellar ta' dorga fit-triq fil-Wardija) – Ġie deċiż li jitqabbad il-perit u surveyor sabiex tiġi irranġata din id-dorga.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

3.01 Iċ-Chairperson qal li kienet waslet korrispondenza t'ilment dwar ingumbrar ta' triq b'vetturi u makkinarju ieħor minn Bonnici Brothers. Saret diskussjoni u ġie deċiż li dan l-ilment jgħaddi għand l-awtoritajiet konċernati.

3.02 Inqrat ittra tas-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment tal-Kunsilli fejn ġie approvat li spejjeż relatati ma' vjaġġar għal laqgħat f'Għawdex jiġu rifusi.

**4.00 Stemma għall-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

4.01 Id-data ta' l-għeluq għall-preżentazzjoni tad-disinn lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ġie mġedded sat-30 ta' Gunju. Din il-materja, għalhekk għandha terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**5.00 Proposta ta' *traffic management* ġdid fi Triq il-Wardja, Burmarrad.**

5.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li saret u ġiet iċċirkulata pjanta gdida ta' *traffic management* għaż-żona ta' fejn hemm s-service-road wara il-*bus-shelter* ta' hdejn l-iScotts Supermarket. Huwa qal li tal-iScotts stess lesti jikkoperaw f'dan il-proġett. Il-kuntrattur Adam Bugeja għandu jikkonsulta maċ-Chairperson sabiex jingħata struzzjonijiet dwar alterazjoniejiet li jridu jsiru fuq il-bankina ta' ma' ġenb il-*bus-shelter*. Il-pjanta tintbagħat lil TM għall-approvazzjoni ta' *signs* u rekwiżiti oħra wara li din il-pjanta tiġi approvata mill-Kunsill.

**6.00 Allokazzjoni finanzjarja lill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad – 2011.**

6.01 Il-Kumitat ħa nota tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2011. Din kienet ġiet iċċirkulata lill-membri kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jippreżenta *update* tal-bilanċ għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2010.

**7.00 Ħwejjeġ Oħra.**

7.01 Is-Sur Peter Abela talab li jsiru *traffic calmers* (rambling low humps) fil-*main-road* qabel id-dħul għal Burmarrad. Huwa talab ukoll li jitnaddaf il-ġebel mat-telgħa tal-Wardija u ġibed l-attenzjoni li r-*retaining wall* kien qed iċedi.

7.02 Il-Membru s-Sur Carmel Hili qal li kien hemm il-bżonn li jibda jitlaqqa il-kumitat tal-Festa Bdiewa f'Burmarrad. Is-Sur Hili talab li tinstab soluzzjoni biex it-traffiku li jkun ġej mill-main road f'Burmarrad ma jitħalliex jidħol fis-service road ta' ħdejn il-Panorama Bar.

Is-Sur Ray Bartolo qal li huwa kien għadda applikazjoni lill-TM dwar diversi skemi ta' *traffic management* li kien hemm bżonn fosthom: (1) one-way roads, (2) twessieħ tal-bankina tas-service-road, u (3) yellow-grids (keep clear) faċċata tal-Panorama Bar.

7.03 Il-Membru Joseph Mario Hili qal li kien hemm bżonn li jsiru sinjali ta' *No Right Turn* u żewġ *No Entry signs* int u ħiereġ min ħdejn Piscopo Gardens għal ġot-Triq Principali f'Burmarrad. Il-Kumitat qabel.

7.04 Iċ-Ċhairperson, is-Sur Raymond Bartolo qal li dwar iċ-ċint f'tarf Triq L-Insolja kien ġie deċiż li dan jitbaxxa u titnaqqas parti minnu u dan kien ġie immarkat ħalli jkun jista jibda x-xogħol fuqu. Fil-parti ta' fejn dan ser jitneħħa kienet ser issir kurduna sabiex l-ilma tax-xita ma' jmurx lejn il-garaxxijiet.

Huwa semma li l-Gvern Centrali kien ser jagħmel toroq ġodda u fosthom hemm Triq Manwel Bonnici f'Burmarrad.

Is-Sur Bartolo qal li kienet qed tittieħed azzjoni sabiex fejn hemm *hoarding*, dan jiġi legallizzat billi jitħallas id-dritt skont il-liġi u jinħareġ il-permess mill-Kunsill.

Huwa semma wkoll li kienet ittieħdet azzjoni mill-Mepa dwar tfiħ ta' terrapien u sfreġju li kien qed isir f'Ras il-Wied fil-Wardija.

Is-Sur Bartolo talab li jiġi identifikat sid il-kamra żdingata li hemm fit-*traffic island* ta' quddiem Scotts Supermarket f'Burmarrad ħalli din tiġi mnaddfa jew imneħħija kompletament.

Huwa semma wkoll il-bżonn ta' bankina quddiem iċ-Ċentru tal-Knisja f'Burmarrad.

Fl-aħħar, is-Sur Bartolo talab lis-Segretarju Eżekuttiv jara meta kienet ser issir l-elezzjoni li jmiss għall-Kumitati Amministrattivi.

7.05 Is-Sinjura Simone Aquilina talbet li jiġu iddrittati l-arbli fi Triq Qalb ta' Marija (tas-safsafa) fil-Wardija.

Hija talbet li l-puluzija tinforza il-ligi dwar ipparkjar ta' vetturi u sparar ta' murtali tard bil-lejl meta jkun hemm tiġijiet fil-Wardija. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lill-awtoritajiet tal-pulizija dwar dawn l-abbużi.

**8.00 Għeluq.**

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Chairperson***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***